IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2017
COM(2017) 288 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI GĦALL-2017

Li jżid ir-riżorsi baġitarji tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bil-għan li jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ madwar l-Unjoni Ewropea u li jkunu aġġornati t-tabelli tal-persunal tal-aġenzija deċentralizzata ACER u l-Impriża Konġunta SESAR2

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, kif adottat fl-1 ta' Diċembru 2016[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2017[3], adottat fil-5 ta' April 2017,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2017[4], adottat fit-12 ta' April 2017,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 51, 28.2.2017.
3 ĠU L XXX, XX.XX.XXX.
4 COM(2017) 188 finali.

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 4

2. IR-RINFURZAR TAL-INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ (YEI) 4

2.1 IL-KUNTEST TAT-TISĦIĦ 4
2.2 FINANZJAMENT 5

3. AĠĠORNAMENT TAT-TABELLA TAL-PERSUNAL FIL-PJAN TA' STABBILIMENT TAL-AĠENZIJA DEĊENTRALIZZATA ACER U L-IMPRIŻA KONĠUNTA SESAR2 5

3.1 AĠENZIJA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-ENERĠIJA (ACER) 5
3.2 RIĊERKA DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU BL-AJRU TAL-AJRU UNIKU EWROPEW (SESAR2 - SINGLE EUROPEAN SKY AIR TRAFFIC MANAGEMENT RESEARCH) 5

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 6

1. INTRODUZZJONI

L-għanijiet tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3 għas-sena 2017 huma tnejn:

- Il-provvediment ta' EUR 500 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) kif maqbula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-ftehim tagħhom dwar il-baġit 2017. L-ebda żieda tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ma huwa propost.

- Emenda tal-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenzija deċentralizzata ACER u tal-impriża konġunta SESAR2, mingħajr ma jkunu kkawżati xi bidliet fil-baġit kumplessiv jew fl-għadd totali ta' karigi.

2. IR-RINFURZAR TAL-INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ (YEI)

2.1 Il-Kuntest tat-tisħiħ

Il-ħolqien ta' Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) ġie miftiehem fl-2013 b'reazzjoni għal-livelli eċċezzjonalment għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ madwar l-UE b'allokazzjoni dedikata ta' EUR 3,2 biljun[5] fi prezzijiet kurrenti biex ikun ipprovdut appoġġ immirat lejn iż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg, jew taħriġ li jgħixu f'reġjuni b'rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ogħla minn 25% fl-2012. Sabiex jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni, l-allokazzjoni sħiħa f'termini ta' impenji fil-perjodu 2014-2020 kienet ikkonċentrata għall-2014 u għall-2015.

Minkejja dewmien inizjali, l-istrutturi għall-implimentazzjoni tal-YEI issa huma fis-seħħ. L-ewwel evalwazzjonijiet[6] juru opportunitajiet imtejba b'mod sinifikanti għaż-żgħażagħ li rċevew appoġġ minn inizjattiva biex isibu impjieg jew ikomplu jistudjaw wara.

Ir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ naqsu f'ħafna Stati Membri meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2012, iżda xorta għadhom ogħla mil-livelli tal-2008 (qabel il-kriżi finanzjarja). Din is-sitwazzjoni titlob għal sforzi u l-appoġġ kontinwi fil-livell tal-UE li hija r-raġuni għaliex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-ftehim tagħhom dwar il-baġit 2017[7] stiednu "*lill-Kummissjoni biex tipproponi baġit emendatorju fl-2017 sabiex jipprovdi EUR 500 miljun għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-2017 iffinanzjat mill-Marġini Globali għall-Impenji, hekk kif l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament QFP[8] huwa adottat.*"

Issa li l-aġġustament tekniku ġie adottat[9], il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-baġit 2017 biex jirrifletti l-ftehim imsemmi hawn fuq tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

5 Flimkien ma' EUR 3,2 biljun mill-Fond Soċjali Ewropew.

6 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara" COM(2016) 646 finali, 8.10.2016.

7 Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar it-test konġunt dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14635/2016 - C8–0470/2016 – 2016/2047 (BUD)).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

9 COM(2017)220 finali, 24.5.2017.

2.2 Finanzjament

F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament QFP, it-tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-YEI se jkunu ffinanzjati mill-Fond Globali għall-Impenji (GMC).

Il-Kummissjoni tqis li dan it-tisħiħ mhux se jissarraf fi ħtiġijiet ta' pagamenti addizzjonali fl-2017. Qabel ma jkunu jistgħu jsiru kwalunkwe pagamenti fuq it-tisħiħ, il-programmi operazzjonali rilevanti kollha għandhom jiġu emendati. Dan il-proċess huwa mistenni li jitlesta fit-tieni nofs tal-2017, jiġifieri wara l-iskadenza legali għall-ħlas ta' prefinanzjament annwali għall-2017 kif stipulat fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (Regolament (UE) Nru 1303/2013)[10]. Barra minn hekk, mhux mistenni li l-impenji addizzjonali jissarrfu f'talbiet ta' pagament interim li jkunu ppreżentati fl-2017.

3. AĠĠORNAMENT TAT-TABELLA TAL-PERSUNAL FIL-PJAN TA' STABBILIMENT TAL-AĠENZIJA DEĊENTRALIZZATA ACER U L-IMPRIŻA KONĠUNTA SESAR2

3.1 Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Filwaqt li jitqiesu r-regoli dwar it-tabella tal-persunal għall-persunal stabbilit fl-Artikolu 50 tar-Regolament Finanzjarju[11], huwa propost li t-tabella tal-persunal tal-2017 tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tiġi emendata, filwaqt li n-numru totali ta' karigi jibqa' l-istess. Din l-emenda hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2017 fl-ACER, fejn kien hemm allinjament ħażin bejn it-tabella tal-persunal u l-gradi meħtieġa. Dan jista' jiġi ffinanzjat fil-baġit tal-ACER għal din is-sena. Konsegwentement, mhux meħtieġ tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-aġenzija.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa stabbilit fl-anness baġitarju.

3.2 Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR2 - Single European Sky Air Traffic Management Research)

L-Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ajru Uniku Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) (SESAR2) huwa l-proġett ta' modernizzazzjoni tal-ATM tal-Unjoni u komponent ewlieni tal-politika tal-Ajru Uniku Ewropew u tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa. L-emenda proposta tal-pjan ta' stabbiliment tal-2017 ta' SESAR2 hija meħtieġa sabiex tippermetti r-riklassifikazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv tagħha (minn AD14 sa AD15) mat-tiġdid tal-mandat (l-1 ta' April 2017) wara l-evalwazzjoni pożittiva mill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta u tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, sar allinjament ħażin bejn it-tabella tal-persunal ta' SESAR2 u l-gradi.

Il-baġit kumplessiv u n-numru totali ta' karigi jibqgħu l-istess. Ir-riklassifikazzjoni tal-kariga AD15 hija *ad personam* u se tiskadi fi tmiem il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv attwali.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa stabbilit fl-anness baġitarju.

---

[10] ĠU L 347, 20.12.2013, p.320. Skont l-Artikolu 134(2), il-prefinanzjament annwali għandu jitħallas qabel l-1 ta' Lulju tas-sena korrispondenti.

[11] ĠU L 362, 31.12.2012.

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2017 (inkluż BE 1-u ABE 2/2017)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3/2017		Baġit 2017 (inkluż BE 1, ABE 2 u 3/2017)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**74 898 754 456**	**56 521 763 545**	**500 000 000**		**75 398 754 456**	**56 521 763 545**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*1 439 100 000*		*500 000 000*		*1 939 100 000*	
Limitu Massimu	*73 512 000 000*				*73 512 000 000*	
Marġini	*52 345 544*				*52 345 544*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	21 312 155 821	19 320 944 503			21 312 155 821	19 320 944 503
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	1 439 100 000				1 439 100 000	
Limitu Massimu	*19 925 000 000*				*19 925 000 000*	
Marġini	*51 944 179*				*51 944 179*	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	53 586 598 635	37 200 819 042	500 000 000		54 086 598 635	37 200 819 042
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji			*500 000 000*		*500 000 000*	
Limitu Massimu	*53 587 000 000*				*53 587 000 000*	
Marġini	*401 365*				*401 365*	
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**58 584 443 884**	**54 913 969 537**			**58 584 443 884**	**54 913 969 537**
Limitu Massimu	*60 191 000 000*				*60 191 000 000*	
Li minnhom imnaqqsa mill-Marġni ta' Kontinġenza	*- 575 000 000*				*- 575 000 000*	
Marġini	*1 031 556 116*				*1 031 556 116*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	42 612 572 079	42 562 967 974			42 612 572 079	42 562 967 974
Sottolimitu	*44 146 000 000*				*44 146 000 000*	
Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*318 000*				*318 000*	
Marġini tal-FAEG	*1 533 109 921*				*1 533 109 921*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**4 284 030 960**	**3 786 957 287**			**4 284 030 960**	**3 786 957 287**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibilità	*530 000 000*				*530 000 000*	
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	*1 176 030 960*				*1 176 030 960*	
Limitu Massimu	*2 578 000 000*				*2 578 000 000*	
Marġini						
4. Ewropa Globali	**10 162 120 000**	**9 483 081 178**			**10 162 120 000**	**9 483 081 178**
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	*730 120 000*				*730 120 000*	
Limitu Massimu	*9 432 000 000*				*9 432 000 000*	
Marġini						
5. Amministrazzjoni	**9 394 513 816**	**9 394 599 816**			**9 394 513 816**	**9 394 599 816**
Limitu Massimu	*9 918 000 000*				*9 918 000 000*	
Li minnhom imnaqqsa mill-Marġni ta' Kontinġenza	*- 507 268 804*				*- 507 268 804*	
Marġini	*16 217 380*				*16 217 380*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 418 902 660	7 418 988 660			7 418 902 660	7 418 988 660
Sottolimitu	*8 007 000 000*				*8 007 000 000*	
Li minnhom imnaqqsa mill-Marġni ta' Kontinġenza	- 507 268 804				- 507 268 804	
Marġini	*80 828 536*				*80 828 536*	
Riżerva negattiva		**- 70 402 434**				**- 70 402 434**
Total	**157 323 863 116**	**134 029 968 929**	**500 000 000**		**157 823 863 116**	**134 029 968 929**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibilità	***530 000 000***	***981 093 985***			***530 000 000***	***981 093 985***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***1 439 100 000***		***500 000 000***		***1 939 100 000***	
Li minnhom taħt il-Marġni ta' Kontinġenza	***1 906 150 960***				***1 906 150 960***	
Limitu Massimu	***155 631 000 000***	***142 906 000 000***			***155 631 000 000***	***142 906 000 000***
Li minnhom imnaqqsa mill-Marġni ta' Kontinġenza	***-1 082 268 804***				***-1 082 268 804***	
Marġini	***1 100 119 040***	***9 857 125 056***			***1 100 119 040***	***9 857 125 056***
Strumenti speċjali oħra	**604 326 434**	**460 402 434**			**604 326 434**	**460 402 434**
Total Finali	**157 928 189 550**	**134 490 371 363**	**500 000 000**		**158 428 189 550**	**134 490 371 363**